# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 18**

**Rikors numru 1454/00 SM**

**Sharon Mercieca**

**v.**

**Michael u Lilian konjugi Sammut**

**PRELIMINARI:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti l-konjuġi Sammut mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Novembru 2014, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti biex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, u tiċħad it-talbiet attriċi; u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attriċi għall-kontro-talba u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikonvenzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-

attriċi.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"1.0 Rat ic-citazzjoni datata t-13 ta' Lulju, 2000, li permezz taghha l-attrici esponiet sintetikament s-segwenti:

"1.1 Illi kienet fil-perjodu ta' prova biex tiehu l-kirja tal-fond *"Your Choice Confectionery"*, fi Triq il-Kunvent, Haz-Zabbar;

"1.2 Illi halset is-somma t'elfejn, sitt mija u erbghin Lira Maltin, (LM2,640.00), rapprezentanti affarijiet ta' helu, xorb, gelati u affarijiet ohra tal-friza;

"1.3 Illi l-konvenuti, abbusivament u b'sens ta' theddid ghalqu ix-*shutter* u hadu ic-cavetta tal-fuq imsemmi fond u b'hekk, il-ftehim ma giex iffirmat u l-attrici ma haditx il-kera tal-imsemmi fond;

"1.4 Illi l-konvenut Michael Sammut baqa` jopera il-hanut *de quo* bl-affarijiet li l-attrici stess kienet hallset ghalihom, u dan, bi pregudizzju finanzjarju ghaliha;

"1.5 Illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex titranga s-sitwazzjoni, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

"1.6 Illi l-attrici talbet ghalhekk din il-qorti biex:

"1.6.1. Tordna lill-konvenuti jirritornaw l-affarijiet, cioe` l-oggetti li l-attrici kienet hallset ghalihom;

"1.6.2. Tikkundanna lill-konvenuti biex fin-nuqqas dawn ihallsu l-valur tal-oggetti fis-somma fuq indikata;

"1.6.3. Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kif dedatt fic-citazzjoni promotrici;

"2. Rat id-dikjarazzjoni annessa mal-istess citazzjoni li permezz taghha ikkonfermat il-fatti minnha esposti, (ara foll 3);

"3.0 Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Settembru, 2000, li permezz taghha l-konvenuti sintetikament eccepew is-segwenti:

"3.1 Illi t-talbiet attrici huma infondati;

"3.2 Illi l-attrici kienet avvicinat lill-konvenuti biex twilli l-fond in dizamina fuq riferit;

"3.3 Illi ghal dan il-fond l-attrici tat lill-konvenuti s-somma ta' elfejn, sitt mija u erbghin Lira Maltin, (LM2,640.00), bhala depozitu ghar-rigal li kellha thallas biex tkun tista` twilli l-imsemmi hanut;

"3.4 Salv eccezzjonijiet ohra;

"4.0 Rat id-dikjarazzjoni annessa mal-istess nota ta' l-eccezzjonijiet li permezz taghha kkonfermat l-istess nota u ziedet is-segwenti:

"4.1 Illi s-somma fuq indikata, (ara paragrafu numru tlieta punt tlieta, (3.3.), thallset mill-attrici lill-konvenuti bhala rigal biex hi tkun tista` tikri l-fond in dizamina minflokhom;

"4.2 Illi *di piu`*, fi zmien sena l-attrici kellha tghaddi l-kumplament tas-somma miftehma bejn il-partijiet, liema somma kienet komplessivament tammonta ghal hmistax -il elf Lira Maltin, (LM15,000.00);

"4.3 Illi l-attrici kienet dawret id-dawl, l-ilma u t-telefon fuq isimha;

"4.4 Illi l-istess attrici bdiet tghaddi hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00), fil-gimgha lill-konvenuti ghall-apparat li kien hemm fl-istess hanut;

"4.5 Illi wara laqgha appozita ma' sid il-kera, dan accetta li l-kera *de quo* setghet iddur fuq l-attrici wara li l-partijiet jiffirmaw il-ftehim taghhom;

"4.6 Illi l-ftehim ma thallasx;

"4.7 Illi fil-frattemp l-attrici bdiet tahdem fil-hanut in dizamina, fejn damet ghall-aktar minn erbgha (4) gimghat, u l-qliegh haditu kollu hi;

"4.8 Illi wara dawn l-erbgha (4) gimghat infurmat lill-konvenuti li ma rieditx tkompli tiggestixxi l-hanut u effettivament irritornat ic-cwievet lura lill-konvenuti;

"5.0 Illi l-konvenuti ipprevalew ruhhom mic-citazzjoni *de quo* u pprezentaw kontro-talba fil-konfront ta' l-attrici li permezz taghha esponew sintetikament is-segwenti:

"5.1. Illi l-attrici ftehmet mall-konvenuti biex twilli minghandhom il-hanut in dizamina bi hlas ta' rigal ta' hmistax -il elf Lira Maltin, (LM15,000.00);

"5.2. Illi a bazi ta' dan il-ftehim fuq ir-rigal l-attrici hallset depozitu ta' elfejn, sitt mija u erbghin Lira Maltin, (LM2,640.00);

"5.3. Illi in segwitu,l-attrici qalbet id-dawl, l-ilma u t-telefon f'isimha, xtrat diversi oggetti, u bdiet topera l-istess hanut;

"5.4. Illi sussegwentement iddecidiet li ma tonorax il-ftehim milhuq u rritornat ic-cwievet tal-istess lill-konvenuti;

"5.5. Illi ghalhekk regghet halliet il-gestjoni tal-hanut f'idejn il-konvenuti;

"5.6. Illi ghalhekk il-konvenuti kellhom ihallsu ghall-materjal li l-attrici kienet ordnat, bieghet u dahhlet il-flus taghhom;

"5.7. Illi qabel ma' l-attrici tiffirma d-dokumenti relattivi, jirrizulta li d-dawl, l-ilma u t-telefon ghadhom f'isimha;

"5.8. Illi ghalhekk talbu lil din il-qorti biex:

"5.8.1. Tiddikjara li l-attrici kissret il-ftehim milhuq bejn il-partijiet ghat-tidwir tal-kera tal-hanut *de quo*, b'dan li rrekat danni finanzjarji lill-konvenuti;

"5.8.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti, prevja n-nomina ta' periti nominandi, liema danni jinkludu telf ta' bejgh u spejjez ohra rizultat tax-xoghol li l-attrici ghamlet fil-hanut;

"5.8.3. Tordna lill-attici thallas id-danni hekk likwidati;

"5.8.4. Tordna lill-attrici biex taghmel dawk l-affarijiet kollha mehtiega biex id-dokumentazzjoni kollha tal-hanut presentement f'isimha tiddawwar f'isem il-konvenuti;

"6. Rat id-dikjarazzjoni annessa ma' l-istess kontro-talba li essenzjalment tirrifletti l-kontro-talba, (ara foll 12);

"7.0 Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Settembru, 2000, li permezz taghha l-attrici eccepiet is-segwenti ghall-kontro-talba tal-konvenuti:

"7.1. Illi l-fatti huma infondati;

“7.2. Illi l-konvenuti immanipulaw il-fatti biex jaharbu mir-responsabbilita` taghhom u b’hekk, jichdu lill-attrici minn dak li hu taghha;

“7.3. Illi mhux minnu li d-dawl, l-ilma u t-telefon hu f’isem l-attrici;

“7.4. Illi l-perjodu li fih l-attrici mexxiet il-hanut in dizamina kien wiehed ta’ prova;

“7.5. Illi minhabba nuqqas ta’ ftehim il-konvenuti ghalqu x-*shutter*, hadu pussess tac-cavetta u zammew l-istock b’vantagg ghalihom;

“7.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

“8. Rat id-dikjarazzjoni annessa ma’ l-istess nota tal-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenuti, (ara foll 16), li essenzjalment tirrifletti l-istess nota;

“9. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 ta’ Frar, 2008, li permezz tieghu, wara rikors appozitu datat il-25 ta’ Jannar, 2008, awtorizzat il-hatra ta’ avukat hemm indikata biex tisma` liz-zewg (2) xhieda hemm indikati, (ara foll 97 u 99 rispettivament, ara wkoll foll 103);

“10. Rat il-verbal datat is-7 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu l-istess qorti diversament preseduta infurmat lill-assistent gudizzjarju li l-konvenuti ma’ kellhomx aktar interess jikkonducu l-kontro-ezami tax-xhud in dizamina, (ara foll 110);

“11. Rat il-verbal datat it-13 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu gie registrat li l-“provi qeghdin jinstemghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju” hemm indikata, ghalkemm ma jirrizulta li hemm l-ebda ordni jew digriet f’dan is-sens, (ara foll 156);

“12. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat il-15 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 216);

“13. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata l-10 t’Ottubru, 2013, (ara foll 220);

“14. Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-attrici datata l-15 t’Ottubru, 2013, (ara foll 225);

“15. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

“16. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati u xhieda diversament migbura;

“17. Semghet ix-xhieda prodotta quddiema;

“Ikkunsidrat:

“18.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“18.1. Illi l-kontendenti jigu minn xulxin:

“18.1.1. L-attrici hi n-neputija tal-kontenut;

“18.1.2. Il-konvenut jigi z-ziju bl-attrici, (ara foll 26);

“18.2. Illi biex il-konvenut seta` jiggestixxi kummerc iehor, (*“mini bus”*), kien jinhtieglu jizvesti ruhhu mill-gestjoni tal-hanut meritu ta’ din il-procedura, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), (ara foll 26);

“18.3. Illi peress li l-attrici kienet diga ilha sentejn (2) tmur tghin lil zijuha l-konvenut fl-istess hanut u gieli anke mexxietu wahida, thajret tidhol ghal din ir-responsabbilita`, (ara foll 26);

“18.4. Illi wara diversi konsiderazzjonijiet, il-partijiet wasslu fi ftehim, (ara foll 26 u 27);

“18.5. Illi fit-30 ta’ Marzu, 2000, ghamlu l-i*stock taking* flimkien, (ara foll 27);

“18.6. Illi fil-31 ta’ Marzu, 2000, l-attrici bdiet tiggestixxi l-hanut, (ara foll 27);

“18.7. Illi fl-4 t’April, 2000, l-attrici ghamlet cekk t’elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00), favur il-konvenut, (ara foll 27);

“18.8. Illi ghalkemm l-attrici u l-mama` taghha nsistew li la l-konvenut ha l-flus indikati fil-paragrafu precedenti kellhom issa jmorru jikkonkludu l-iskrittura formal ital-kera, il-konvenut assigurhom li l-aktar haga importanti kienet li jinfetah il-hanut, u l-iskrittura ma saritx, (ara foll 28);

“18.9. Illi ftit tal-granet wara l-konvenut beda jinsisti li kellu xi nies ohra nteressati fil-hanut u l-attrici assiguratu li hi kienet lesta tizvanixxi mix-xena, u tirritorna l-hanut kemm -il darba l-konvenut jirritornalha l-elfejn, mija u erbghin Lira Maltin, (LM2,140.00) li hi kienet harget ghall-i*stock*, (ara foll 28);

"18.10. Illi t-talba ta' hmistax-il elf Lira Maltin, (LM15,000.00), li l-konvenut beda jitlob ghall-hanut kienet somma gholja, (ara foll 28);

"18.11. Illi darba fost l-ohrajn il-konvenut mar il-hanut *de quo*, beda jghajjat u jirrabja mall-attrici, keccieha l-barra u ghalaq ix-*shutter* tal-hanut, (ara foll 29);

"18.12. Illi l-konvenut ippretenda wkoll li jiehu c-caveta, (ara foll 29);

"18.13. Illi biex tevita li l-kwistjoni tiskala, omm l-attrici cediet ic-cwievet tal-hanut lill-konvenut;

"18.14. Illi l-attrici u l-mama` taghha ghamlu rapport lill-pulizija, (ara foll 30);

"18.15. Illi rizultat ta' dan kollu l-konvenut beda jerga jiggestixxi l-hanut in dizamina, bil-konsegwenza li biegh l-i*stock* tal-attrici, (ara foll 30);

"18.16. Illi rizultat ta' din l-uzurpazzjoni l-attrici kellha wkoll thallas erba` (4) xhur kontijiet tat-telefon, u xi agenti qed iffittxu lill-attrici ghal xi prodotti li kienet lahqet xtrat;

"18.17. Illi l-ammont hekk dovut mill-anqas jammonta ghal hames mitt Lira Maltin, (LM500.00), (ara foll 30);

"18.18. Illi *di piu`*, l-attrici ssostni li ghamlet sitt (6) xhur ma tahdimx imhabba l-aggressjoni in dizamina subita, (ara foll 30);

"18.19. Illi tenut kont tas-suespost, l-attrici qeghda b'kollox tippretendi s-somma komplessiva t'elfejn, sitt mija u erbghin Lira Maltin, (LM2,640.00), kif fuq spjegat;

"Ikkunsidrat:

"19. Illi kif irriterriet din il-qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak, datata t-30 t'Ottubru, 2003**:

> "... fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabilitajiet, sostratt baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilita`. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli".

"20. Illi ghalhekk wara li qieset fil-fond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz hi sodisfatta li l-versjoni tal-attrici hi kredibbli u timmerita l-avall ta' din il-qorti;

"Ikkunsidrat:

"21.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti tqis li l-attrici ippruvat il-kaz taghha ghas-sodisfazzjon ta' din il-qorti u konsegwentement filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti flimkien mat-talbiet kollha kontenuti fil-kontro-talba taghha, u takkolji t-talbiet kollha attrici flimkien mal-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba tal-kontenuti, u ghalhekk:

"**DECIDE:**

"21.1. Tordna li l-konvenuti Michael u Lilian konjugi Sammut jirritornaw l-affarijiet li l-attrici kienet hallset ghalihom;

"21.2. Tikkundanna ill-istess konvenuti fuq indikati biex fin-nuqqas, ihallsu l-valur tal-istess fis-somma ta' elfejn sitt mija u erbghin Lira Maltin, (LM2,640.00), ekwivalenti ghal sitt elef mija u wiehed u hamsin Ewro, (€6,151.00);

"21.3. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovuti mit-13 ta' Lulju, 2000, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-imsemmija konvenuti."

## <u>RIKORS TAL-APPELL tal-konvenuti (15.12.2014):</u>

3. Il-konvenuti ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

4. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju:</u>

Fl-ewwel lok isostnu li s-sentenza appellata hija monka proċeduralment in kwantu tikkundanna liż-żewġ konvenuti

flimkien meta t-talbiet huma indirizzati biss kontra l-konvenut.

(ii) It-tieni aggravju:

Fil-mertu, il-konvenuti jilmentaw li l-ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha **skartat għal kollox il-provi tagħhom**, b'mod li lanqas biss semmiethom. Jilmentaw ukoll bil-fatt li l-ġist tal-kwistjoni (cioe` jekk il-ħlas li għadda bejn il-partijiet kienx għal stock jew kienx depożitu fir-rigward ta' rigal) ġie maqbuż għal kollox mill-ewwel Qorti.

Isostnu li mill-provi jirriżulta biċ-ċar li mhux minnu li l-attriċi kienet qed tiġġestixxi l-ħanut "bi prova", iżda li fil-fatt kien hemm ftehim definittiv bejniethom (anke jekk mhux bil-miktub) tant li kienet telqet mill-impjieg tagħha mal-SGS Thompson u anke qalbet l-arloġġi tad-dawl u l-ilma tal-ħanut in kwistjoni fuq isimha.

Isostnu l-ammont imħallas mill-attriċi ma kienx jirrappreżenta stock iżda kien fil-fatt depożitu għal rigal relattiv għat-twellija. (Hawnhekk jargumentaw, bla preġudizzju għas-suespost, li anke kieku kellu jitqies li s-somma li ħallset tirrappreżenta stock, dan laħqet biegħetu fiż-żmien li għamlet fil-ħanut u anke

għamlet profitt minnu).

Isostnu li mill-provi jirriżulta li wara ftit ġimgħat li l-attriċi kienet bdiet topera l-ħanut reġa' bdielha, u riedet titlaq mingħajr ma tonora l-obbligi tagħha. Jargumentaw illi għalhekk ladarba kisret il-ftehim l-ammont li ħallset (li jirrappreżenta d-depożitu tar-rigal) għandu jinżamm, u t-talbiet rikonvenzjonali għandhom jintlaqgħu.

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-attriċi (08.06.2015)**

5. L-attriċi appellata wieġbet biex tgħid li l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud u s-sentenza kkonfermata *in toto.*

**PROVI**

**Ix-xhieda tal-attriċi:**

(i) Sharon Mercieca

6. L-attriċi Sharon Mercieca fl-affidavit tagħha[1] spjegat li ommha u l-konvenuta huma aħwa (u għalhekk il-konvenut jiġi z-ziju tar-rispett tagħha). Qalet li x-xogħol fil-ħanut in kwistjoni kien jogħġobha tant li

[1] Dok MB, maħluf 15.01.2002, fol 26-30

kienet għamlet madwar sentejn tgħin lill-konvenut fil-weekends u fil-festi pubbliċi. Spjegat li darba minnhom kienet għand in-nanna tagħha u kien sar diskors fis-sens li l-konvenut ried jikri l-ħanut għaliex ma setax ilaħħaq bih u bil-mini-bus f'daqqa. Peress li kienet interessata tkellmet mal-konvenut fir-rigward. Qalet li kien qalilha li ried Lm50 fil-ġimgħa sabiex ikun jista' jżomm Lm25 għalih u jgħaddi Lm25 lis-sid, ċertu wieħed magħruf bħala "Ta' Ganga". Qalet li dakinhar kienu ddiskutew il-qligħ li jħalli l-ħanut sabiex hija tqabbilha mal-paga li kellha SGS Thompson. Qalet li l-konvenut kien qalilha li l-ħanut jirrendi sew tant li hu kien jgħajjex tajjeb familja b'ħamest itfal.

7. Kompliet tgħid li kienet għaddiet xi ġimgħa mingħajr ma tagħtu risposta. Qalet li kienu saru diskussjonijiet mas-sid biex wieħed jara jekk il-konvenut setax jikrih lil terzi, u li s-sid ma kienx sab oġġezzjoni purche l-kera tasal għandu regolarment. Qalet li wara li kienu ċċaraw l-affarijiet mas-sid kienu ftehmu fuq perjodu ta' prova:

> *"Wara dan, sar ftehim bejni w il-konvenut li jiena nieħu l-ħanut għal żmien ta' prova għal mhux anqas/circa ta' perjodu raġonevoli sabiex inkun nista' nikkonvinċi ruħi li jkun xieraq li nidħol għall-ħanut. Dan kien ġie aċċettat mill-konvenut w b'ċerta fiduċja da parti tiegħu iktar sabiex jikkonvinċini, hu kien qal li jekk ma inkomplix fih jien, hu kien lest li poġġi t-tifel tiegħu fih."*

8. Qalet li fit-30 ta' Marzu 2000 għamlu *stock taking* u li l-għada, 31 ta' Marzu 2000, hija ħadet f'idejha il-ħanut bi prova. Qalet li fit-3 ta' April 2000 dawret l-ilma u d-dawl fuqha, u fl-4 ta' April 2000 marret il-bank biex

tagħmel cheque ta' Lm2,000 favur il-konvenut. Spjegat li meta waslet il-ħanut rat lill-konvenut qed jordna l-ħelu mingħand aġent tat-Tessons, ħaġa li urtatha sew. Madanakollu hija għaddietlu l-Lm2,000 fil-preżenza tal-aġent, ommha, kuġinitha u wkoll l-għarus. Qalet li kif għaddiet iċ-cheque lill-konvenut, ommha talbitu biex jagħmlu kitba iżda hu kien qalilhom li din tilħaq issir, imma l-iktar ħaġa importanti kienet li jinfetaħ il-ħanut sabiex hija tibda' taħdem.

9. Kompliet tgħid li fid-Duluri l-avukat tagħha kien imbagħad ġie l-ħanut biex issir il-kitba u dak li jkun jara l-pożizzjoni legali. Qalet li l-konvenut dakinhar beda' jinsisti li ttih Lm15,000 bħala rigal, iżda hi ma kellhiex tali flus. Qalet li:

> *"B'dan l-atteġġjament tal-konvenut ma sar l-ebda ftehim w bdejt ninduna li l-affarijiet ma kinux sewwa da parti tal-konvenut. Il-konvenut beda jinsisti fuq is-somma ta' Lm15,000. Gie miftiehem li nerġgħu niltaqgħu it-Tnejn ta' wara sabiex naraw x' ser isir.*
>
> "*It-Tnejn il-konvenut reġa' insista li kellu bżonn il-flus/somma w li kellu xi nies oħra li kienu lesti jieħdu l-ħanut u li jħallsu s-somma li talab u/jew li ppretenda. Jien irrispondejtu li jekk kien hemm xi proxxmu li kien lest li jaċċetta dak li kien qed jgħidli, jiena kont lest li inċedi w hu jerġa' jtini s-somma ta' elfejn, mija u erbgħin lira (__**Lm2,140**__) li jiena kont tajt għas-stock tal-ħanut. Fil-fatt kienu ġew tnejn min-nies oħra li pero` ma kinux impressjonati bil-ħanut u indikat li t-talba ta' Lm15,000 kienet għolja. Dan qed jingħad apparti mill-Lm25 jew aħjar Lm50 fil-ġimgħa li kien qed jippretendi. B'hekk jiena bqajt ġol-ħanut fil-perjodu ta' prova u kull nhar ta' Tnejn jiena kont intih Lm25 sakemm il-Ħadd ta' wara l-Easter inqala' disgwid mingħajr ma naf kif."*

10. Spjegat kif il-Ħadd ta' wara l-Għid, il-konvenut flimkien ma' ibnu Christopher kienu ġew il-ħanut jixtru l-ħobż u l-konvenut qagħad ħdejha biex jgħinha. Qalet li kellimha b'mod normali u anke issuġġerielha li

tordna ftit xogħol. Qalet li weġbitu li kif jiġu l-aġenti biex jeħdulha r-returns mix-xogħol tal-Easter, kienet bi ħsiebha tordna xi affarijiet oħra. Qalet li l-konvenut u ibnu imbagħad telqu u aktar tard għal xi s-siegħa għadda bil-karozza minn ħdejha, daqqilha l-horn u baqa' sejjer. Ftit biss ħin wara pero`, qalet li l-affarijiet iggravaw:

> "*Fil-għaxija, għall-ħabta tal-ħamsa, ġie jgħajjat u jirrabja li qegħda nbattal il-ħanut. Hu keċċieni 'l barra w jiena ma ridtx nitlaq peress li kelli l-pussess tal-ħanut. Hu beda jgħid ħafna kliem ħażin u baxx kif ukoll joffendi sia lili kif ukoll l-għarus tiegħi w beda jheddidna li jsibu u jfarraklu wiċċu. Il-konvenut ċempel lil ħuh Patrick b'ċerta arroganza u werwirna t-tnejn. Dan qed ngħidu peress li fiżikament huma ta' ċerta statura. Il-konvenut daħħal il-kaxxi ġewwa, keċċa lin-nies li kelli ġol-ħanut u għalaq ix-shutter. Il-konvenut insista li jieħu ċ-ċavetta, imma jiena ma tajthilux. Xi ħadd mill-ġirien ċempel lil ommi w qalilha x'kien qed jiġri, partikolarment li l-konvenut kien qed jiġġieled miegħi.*
>
> "*Minħabba dan l-aġir ommi ġiet il-ħanut minnufih, imma sabet il-ħanut magħluq. Sia jien kif ukoll ommi morna d-dar u ġie kemm in-nannu kif ukoll żiti biex jaraw x' ġara. Il-konvenut kif ukoll ħuh Patrick ġew bil-karozza wara l-bieb tad-dar tiegħi fejn ġab ruħu verament ħażin għax ippretenda ċ-ċavetta…..Minħabba dan l-aġir tal-konvenut li were li kien qed isir perikoluż, ommi ċediet iċ-ċavetta lill-konvenut li mar jiftaħ il-ħanut…..Minħabba dan l-aġir inċivili jiena w ommi morna nagħmlu rapport l-għassa ta' Ħaż-Żabbar.*"

11. Qalet li wara dan l-episodju l-konvenut beda' jiftaħ il-ħanut, ibiegħ mill-istock tagħha, u jbiegħ bi flusha. Qalet li kienet għadha ma' ħallsitx lill-aġenti tal-Lyons Maid għall-ġelati li kienu biegħulha (mill-inqas fl-ammont ta' **Lm500**) u li dawn kienu qed ifittxu lilha fir-rigward.

12. Kontro-eżaminata[2], qalet li kienet ħadet il-ħanut bi prova. Qalet li

[2] Quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, 23.09.2008, fol 115 et seq

kull nhar ta' Tnejn kienet tgħaddi lill-konvenut il-flus tal-kera għalih u għas-sid. Enfasizzat li kienu għadhom ma għamlux il-kitba. Mistoqsija dwar f'hiex kien jikkonsisti l-perjodu ta' prova allegat minnha, spjegat li dan kien biex tara eżatt il-qligħ x'kien ikun, għaliex ix-xogħol tal-ħanut kienet tafu. Qalet li għalkemm kienet ħadet il-ħanut bi prova kienet telqet mix-xogħol li kellha u l-ħsieb tagħha kien li tibqa' fil-ħanut. Mistoqsija għaliex qalbet id-dawl u l-ilma fuqha ladarba kienet għadha fil-perjodu ta' prova, wieġbet li inkella ma kinux ikunu jafu kemm ħela hu u kemm ħliet hi. Dwar iċ-cheque ta' Lm2000, qalet li dan għadditulu għall-istock, u kien hemm xi ħaġa fuqhom li tathomlu kontanti. Qalet li dakinhar tad-Duluri l-avukat kien ġie l-ħanut biex jagħmlu l-kitba, iżda l-konvenut insista fuq rigal. Sostniet pero` li hi kienet ħaditu bil-Lm50 fil-ġimgħa (għalih u għas-sid) u mhux b'rigal. Qalet li t-Tnejn ta' wara kien baqa' jinsisti fuq il-flus tar-rigal u kien qalilha li jekk ma ttihomlux hi kellu min itihomlu.

13. Qalet li dakinhar tal-Ħadd meta mar il-ħanut u qalilha biex tagħlaq, hi ma riditx. Spjegat li addirittura kellha xi affarijiet fil-forn; iżda hu daħħal l-affarijiet li kellha fil-parapett ġewwa u għalqiliha x-shutter tal-ħanut, u bl-għajjat u storbju keċċa lin-nies li kienu fil-ħanut.

14. Mistoqsija dwar il-bejgħ għall-Għid qalet li kien tajjeb. Mistoqsija jekk kinitx biegħet minn dak l-istock li tiegħu ħallset Lm2000 qalet "*Minnu kont bgħett, mhux ovvja!"* Ippreċiżat pero` li mhux dak biss kien hemm

għaliex kienet ordnat affarjiet oħra.

15. Hija innegat li l-ħsieb tagħha kien li tbattal il-ħanut u enfasizzat li qatt ma qaltlu li riedet tbattlu.

(ii) Grace Mercieca

16. Grace Mercieca, omm l-attriċi, fl-affidavit tagħha[3] xehdet li l-konvenut kien imur id-dar għandhom biex jipprova jħajjar lill-attriċi tieħu l-ħanut. Spjegat li r-raġuni kienet għaliex kien xtara minibus u ma kienx qed ilaħħaq bil-minibus u l-ħanut f'daqqa. Qalet li l-konvenut għamel minn kollox biex jikkonvinċihom li l-ħanut kellu bejgħ tajjeb. Qalet li kienu marru jkellmu lis-sid fejn dan insista fuq il-ħlas kull ġimgħa fl-ammont ta' sitta u għoxrin lira (Lm26) għal perjodu ta' ħames (5) snin. Il-konvenut da parti tiegħu kien qed jippretendi ħamsa u għoxrin lira (Lm25) mingħand l-attriċi.

17. Enfasizzat li bintha kienet qalet lill-konvenut li riedet perjodu ta' prova qabel ma tidħol f'rabta definittiva. Qalet li dan il-perjodu kellu jkun ta' circa tliet xhur, b'dan li kellha tħallas il-kera ta' circa Lm50 fil-ġimgħa (Lm26 lis-sid u Lm25 lill-konvenut).

18. Spjegat li waqt in-negozju l-konvenut kien ippropona li l-attriċi jew

[3] Dok MB-1, maħluf 08.10.2002, fol 34-36

tħallsu Lm25 kull ġimgħa jew inkella tħallsu Lm15,000 darba waħda biss u b'hekk imbagħad tħallas lis-sid biss u mhux lit-tnejn li huma. Qalet li l-attriċi kienet disposta li taċċetta t-tieni proposta, li tħallas somma, iżda fl-ammont ta' Lm10,000 u mhux Lm15,000. Peress li ma ftehmux, qalet li l-attriċi waqgħet għas-sistema fejn tħallas lill-konvenut Lm25 fil-ġimgħa, b'dan li kienet tkun obbligata tirritorna ċ-ċavetta wara ħames (5) snin. Qalet li bintha u l-konvenut kienu ftehmu li hija tħallsu Lm25 kull nhar ta' Tnejn.

19. Kompliet tgħid li wara li l-attriċi kienet ilha fil-ħanut għal madwar xahar kien ġie l-avukat tagħha biex jiddiskutu s-sitwazzjoni. Qalet li dakinhar il-konvenut biddel id-diskors u beda jippretendi:

- Lm25 kull ġimgħa dovuti lis-sid (Ta' Ganga);
- Lm15,000 li titħallas darba waħda;
- Lm2140 għall-istock (li pero` tħallas, kwantu għal Lm2000 b'cheque u Lm140 f'kontanti).

20. Qalet li ma riedx jisma' bil-ħlas ta' Lm25 fil-ġimgħa u nsista fuq il-ħlas tas-somma. Qalet li l-avukat kien issuġġerixxa li l-attriċi tingħata żmien biex tikkunsidra l-proposta tiegħu mill-ġdid, iżda ftit wara l-

konvenut kien ċemplilhom id-dar u meta ra li l-attriċi għażlet is-sistema tal-kirja (u mhux tas-somma) huwa "irvilla" u insista li l-għada jsir *stocktaking,* iħallas tal-istock u jerġa' jieħu l-ħanut lura.

21. Kompliet tgħid li l-Ħadd ta' wara l-Għid ried lura ċ-ċavetta. Qalet li kienet ċemplitiliha ċertu Jennifer Dalli li toqgħod fuq il-ħanut wara li semgħet lill-konvenut iġib ruħu ħażin. Qalet li kien mar id-dar tagħha u l-atteġġjament tiegħu kien verament baxx u li hija insistiet li jħallas lura l-flus li ħarġet l-attriċi għall-istock qabel ma jieħu ċ-ċavetta. Spjegat li għalkemm spiċċat biex tagħtu ċ-ċavetta, dan għamlitu għaliex kien qed jagħmel l-arja u kellu lil ħuh miegħu, u riedet tevita konsegwenzi aktar serji.

22. Kontro-eżaminata[4] qalet li kienet titkellem mat-tifla u kienet tkun ħdejha, u taf li l-attriċi ftehmet li tieħu l-ħanut għal perjodu ta' prova ta' tliet xhur. Qalet li l-attriċi tħajret li tieħu l-ħanut bi prova, u li tħallas kera ta' Lm25 lill-konvenut u Lm25 lis-sid; sostniet li l-Lm15,000 rigal ma ssemmewx fil-bidu. Qalet li fix-xahar li kellha l-ħanut kien ġie bil-proposta tal-Lm15,000. Qalet li kienu jiftiehmu mod imbagħad jerġa' jiġi bis-somma. Qalet li darba fetlilha tgħidlu "*trid għaxra, u naqtgħuha*"? Iżda hu ma riedx. Qalet li l-attriċi kienet ħallset lill-konvenut tal-istock. Dwar dakinhar li l-konvenut mar jagħlaq il-ħanut, qalet li meta saret taf li kien

[4] Quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, 20.10.2008, fol 146 et seq

qed jagħmel xenata telqet mid-dar biex tmur fuq il-post. Qalet li kien qed jidgħi u jilmenta li l-attriċi kienet se tbiegħ l-istock. Sostniet li qatt ma kienu tkellmu ma' ommha (in-nanna tal-attriċi) dwar x' se tagħmel bil-ħanut. Enfasizzat li bil-kemm kien ilha xahar meta ġara l-episodju tax-xenata, u li kellha job u kienet telqitu. "*U biex tiġi mingħajr xogħol minn kullimkien, ma tarax!*"

(iii) Dr Mark Busuttil

23. Dr Mark Busuttil, id-difensur tal-attriċi, fl-affidavit tiegħu[5] xehed illi jiftakar li fil-ġurnata tad-Duluri, l-attriċi u ommha kienu marru l-uffiċċju tiegħu għaliex kienu inkwetati bl-atteġġjament inkonsistenti tal-konvenut. Qal li huwa offra li wara l-ħin tal-uffiċċju jmur il-ħanut. Qal li hemmhekk faqqgħet diskussjoni qalila bejn omm l-attriċi u l-konvenut.

> *"Il-klijenta tiegħi wriet li ma kinitx lesta li taċċetta li tħallas ħmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000). Il-bqija kienet lesta li tibqa' bil-kera ta' ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm25) pero` kienet għadha fil-perjodu ta' prova. Waqt il-konverżazzjoni Michael Sammut ammett li tħallas is-somma ta' Lm140 għas-stock mill-attriċi.*
>
> *Michael Sammut beda' jirrabja għax insista fuq il-ħlas tas-somma mhux il-ħlas tal-kera. Aċċetta, pero`, is-suġġeriment tiegħi li l-klijenta tiegħi taħsibha iktar qabel ma tiddeċiedi finalment.*
>
> *It-Tnejn ta' wara bdiet iċċempilli l-klijenta tiegħi flimkien ma' ommha fejn spjegawli li Michael Sammut kien qed iġib ruħu ħażin, iktar u iktar il-Ħadd meta ċempluli għax ġie bis-sens ta' theddid u ġara dak li ġara wara.*
>
> *Meta s-sitwazzjoni iddeġenerat ruħha omm il-klijenta tiegħi għarrfitni li biex tevita ġlied tat lura ċ-ċavetta lil Michael Sammut mingħajr il-kunsens tat-tifla bil-ħsieb li tieħu r-raġuni skont il-liġi."*

[5] Dok MB-2, maħluf 08.10.2002, fol 37

(iv) Sandro Micallef

24. Sandro Micallef, l-għarus tal-attriċi, fl-affidavit tiegħu[6] xehed li jiftakar sew meta l-attriċi ħadet il-ħanut. Qal li meta hija għaddiet iċ-cheque ta' Lm2,000 lill-konvenut huwa kien preżenti. Qal li dakinhar li l-avukat kien mar biex issir l-iskrittura privata, fejn kellu jiġi indikat (fost affarijiet oħra) li kellu jkun hemm perjodu ta' prova ta' tliet xhur, huwa kien preżenti. Kompla jgħid li l-konvenut dakinhar biddel id-diskors u ried li jkun hemm ftehim ieħor u cioe` li jitħallas Lm15,000 bħala rigal, li l-kirja tkun għal ħames snin biss minħabba uliedu, u li l-attriċi tħallas il-kera dovuta lis-sid. Enfasizza li dan id-diskors kien kontra dak oriġinali fejn kellu jsir ħlas ta' Lm100 fix-xahar lill-konvenut u Lm100 fix-xahar lis-sid.

25. Kontro-eżaminat[7] qal li meta saru l-ewwel diskussjonijiet kien preżenti. Sostna li l-ftehim kien li l-attriċi tieħu l-ħanut għal prova ta' tliet xhur u li kellha tħallas Lm100 fix-xahar lilu u Lm100 fix-xahar lis-sid. Qal li dakinhar li l-konvenut għalaq il-ħanut huwa kien hemm. Spjega li dakinhar il-konvenut kien ġie l-ħanut, fetaħ il-cash, u daħħal idejh fil-cash biex jara kemm qegħda tbiegħ u "sploda". Qal li beda jgħodd il-flus li kien hemm fil-cash u xi ħadd minnhom kien waqqfu u qalulu li dak li kien qed jagħmel ma kienx sew. Qal li meta għalaq il-ħanut, il-ħanut ma kienx vojt

[6] Dok MB-3, (bla data), fol 42
[7] Quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, 15.06.2009, fol 163 et seq

u kien stokkjat.

(v) Lawrence Mercieca

26. Lawrence Mercieca, missier l-attriċi, fl-affidavit tiegħu[8] qal li dakinhar tal-laqgħa mal-avukat fil-ħanut huwa ma kienx preżenti mill-bidu nett, iżda meta wasal sab lill-konvenut jixxena u jitħadded kontra dak li (sa fejn kien informat) kien il-ftehim, u cioe` li l-konvenut jieħu Lm25 fil-ġimgħa għalih, jieħu Lm25 oħra biex iħallas is-sid, u li l-ewwel tliet xhur ikunu ta' prova. Qal li l-konvenut pero` dakinhar kien qed jinsisti fuq il-ħlas fil-pront ta' Lm15,000. Kompla jgħid li ftit wara din il-laqgħa kien ċempel id-dar u qal li kien lest iħallas kollox lura, iżda ma riedx iħallas f'daqqa. Qal li huwa qallu "*It-tifla mhux f'daqqa tathomlok*?", u l-konvenut wieġbu li ma setax iħallas f'daqqa. Qal li għalkemm l-attriċi aċċettat li titħallas bin-nifs xorta ma waslux.

**Ix-xhieda tal-konvenut:**

(vi) Tereża Zammit

27. Tereza Zammit, tiġi n-nanna tal-attriċi (cioe` omm il-konvenuta Lilian Sammut u omm Grace Mercieca). Fl-affidavit tagħha[9] qalet li kienet

[8] Dok LM, bla data, fol 49-50
[9] Maħluf 25.01.2005, fol 55

taf li l-attriċi kienet ħadet il-ħanut mingħand il-konvenut peress li dan kien iddejjaq u ried iwellih. Qalet li ma taf xejn dwar kif wellieh. Spjegat li darba minnhom, madwar xahar wara li kienet bdiet taħdem fil-ħanut, l-attriċi kienet ilmentat magħha dwar il-ħinijiet twal li kienet qed tagħmel fih, u li ma kinitx qed taqla' daqs il-paga li kellha fejn kienet qabel. Qalet li dakinhar kien hemm bintha Grace ukoll u li kienu qed jitkellmu fis-sens li l-avukat kien qalilhom li jekk ma kinitx sejra tajjeb biex tbattal il-ħanut u ttih lura lill-konvenut. Qalet li xi jiem wara, kien il-Ħadd, u l-konvenuta Lilian Sammut kienet qaltilha li innutat li l-ħanut kellu ħafna affarijiet neqsin. Qalet li qaltilha li l-attriċi kienet be ħsiebha tbattal il-ħanut u tirritornah lill-konvenut. Kompliet tgħid li fil-għaxija stess marret għandha Grace (omm l-attriċi) u qaltilha li kien mar il-konvenut biex jieħu ċ-ċavetta, u li qaltilha li kienet sorpriża kif sar jaf li l-attriċi riedet tbattal il-ħanut.

(vii) <u>Emanuela (Lilian) Sammut</u>

28. Il-konvenuta fl-affidavit tagħha[10] qalet li ma taf xejn dwar kif l-attriċi welliet il-ħanut li kellu żewġha: taf biss li wellietu. Qalet li wara li wellietu hija kienet tagħmel mezz li kull ma jkollha bżonn tixtrih mingħandha, dan anke biex tmexxilha x-xogħol. Qalet li fil-bidu kienet tkun stokkjata, iżda madwar ġimgħatejn jew tlieta wara, bdiet tinnota li kien hemm ħafna affarijiet nieqsa. Qalet li meta kienet tiġbdilha l-attenzjoni dwar dan, l-

[10] Maħluf 22.02.2005, fol 59-60

attriċi kienet tgħidilha li kienet ordnat l-affarijiet u li kienu għadhom ma waslux. Kompliet tgħid li fl-istess perjodu, fil-ġurnata tal-Ħadd, kienet għand ommha u meta kkummentatilha dwar il-fatt li innutat affarijiet nieqsa fil-ħanut, din qaltilha li Grace kienet stqarret magħha li fuq parir tal-avukat, kienet ser tbiegħ dak li setgħet, tbattal il-ħanut, u tirritorna ċ-ċwievet. Qalet li kif qalet lill-konvenut b'dan kollu huwa qalilha li kien qed iħoss li kien ser jiġri xi ħaġa hekk, u qalilha li kien ser imur il-ħanut biex jiġbor iċ-ċwievet. Qalet li ma tafx x'ġara iżda eventwalment mar lura d-dar u qalilha li kien ġabar iċ-ċwievet.

(viii) Michael Sammut

29. Il-konvenut Michael Sammut fl-affidavit tiegħu spjega li kien iddeċieda li jwelli l-ħanut. Qal li kien hemm persuni interessati fih iżda kienu avviċinawh l-attriċi u ommha. Qal li l-attriċi kienet qaltlu li kienet xebgħet taħdem fejn kienet, u billi kienet diġa` taf x'isarraf il-ħanut, kienet interessata għalih. Qal li dak iż-żmien kien żmien l-Għid, li huwa xahar tajjeb ħafna u għalhekk il-ħanut kien armat sew. Dwar il-ftehim, qal hekk:

> *"Wara ftit ġranet, wasalna fi ftehim li fih kien involut anke s-sid stess, li bih hija kienet ser tieħu l-ħanut b'kull ma kellu fih, u minn meta kienet ser tibda' tiġġestixxi l-ħanut hija, hi kellha tħallasni Lm2140 għall-istock kollu li kien hemm sa dakinhar, flimkien mal-flejjes kollha li kien hemm fil-ħanut, kif ukoll il-kera lis-sid, u rigal li jien kont qed nippretendi, li kien ta' Lm15,000.*
>
> "*Dwar ir-rigal naħseb li kont naqqast l-ammont għal Lm13,000 filwaqt illi kont għadni qed nistenna mingħandha dwar kif attwalment kienet ser tħallas dawna l-flejjes.*

> "*Għandi ngħid illi t-tifla tiġi mill-familja tiegħi u għalhekk jiena ma ħassejtx il-bżonn illi la nagħmel dana kollu bil-kitba u lanqas nippressaha sabiex tgħidli x' ser nagħmlu, u hija kienet dejjem tgħidli, issa naraw.*"

30. Qal li qabel ma ħadet il-post f'idejha, l-attriċi għamlet rendikont ta' kull ma kien hemm fil-ħanut u li skont il-kitba tagħha stess (Dok A)[11] kien hemm b'Lm2140 fi stock u flus, "*liema somma hija attwalment ħallsitni meta ħadet il-ħanut.*"

31. Kompla jgħid li l-għada, fil-31 ta' Marzu 2000, bdiet taħdem fil-ħanut. Qal li imbagħad fit-3 ta' April 2000 dawwru l-kont tad-dawl u tal-ilma fuq isimha. Sostna li għalkemm kien jiġri warajha biex jagħmlu l-karta tal-ftehim dwar kif kellu jitħallas ir-rigal, l-attriċi kienet kull darba tgħidlu li dalwaqt kienet ser tagħmlu.

32. Qal li fil-ġurnata tad-Duluri kien mar il-ħanut biex jara x'ser isir u sab lill-familja kollha tal-attriċi mal-avukat tagħha. Qal li dakinhar staqsa lill-attriċi jekk setgħux jikkonkludu l-affari iżda ma tagħtux risposta. Qal li missierha kien staqsih jekk kienx dispost li jaċċetta Lm10,000 flok Lm13,000 iżda huwa ma aċċettax u kienu baqgħu li kellu jirċievi risposta. Qal li baqa' jmur għandha regolarment biex jara meta se tħallsu s-somma iżda kienet taħrablu mis-suġġett. Eventwalment qal li beda jinnota li l-ħanut kien qed ikollu affarijiet neqsin. Qal li sar jaf mingħand il-mara

[11] Dok A, fol 64-79

tiegħu (il-konvenuta) li ommha (in-nanna tal-attriċi) kienet qaltilha li l-avukat tal-attriċi kien taha l-parir li tbattal l-istock u tirritornalu ċ-ċwievet. Kif sema' hekk, mar il-ħanut u qal lill-attriċi biex tagħlaq il-ħanut minnufih. Qal li kien irrabjat ħafna. Qal li marru għand ommha u din tefgħetlu ċ-ċwievet mal-art.

33. Kontro-eżaminat[12] qal l-attriċi kienet ħallsitu xi elfejn u mija u erbgħin lira (Lm2140) għall-istock tal-ħanut u mhux bħala depożitu għar-rigal (kif eċċepixxa). Huwa ċaħad li hija ħallsitu Lm50 kull ġimgħa. Qal li kienet tgħidlu li se ttihomlu iżda ma tathomlux, u li kienet tgħidlu li x'ħin jiltaqgħu għand in-nutar kienet se ttih kollox. Ċaħad ukoll li l-attriċi ħadet il-ħanut għal perjodu ta' prova ta' tliet xhur. Aċċenna għall-fatt li kienet telqet mill-impieg tagħha u anke qalbet id-dawl u l-ilma fuqha.

34. Dwar ir-rigal sostna li huwa kien talabha r-rigal qabel ma daħlet fil-ħanut. Ċaħad li ħareġ bil-kwistjoni tar-rigal wara. Qal li n-negozju għamlu magħha u hi imbagħad riedet toħroġ minnu.

35. F'kontro-eżami ulterjuri[13] qal li dak li biegħ lill-attriċi bħala stock tal-ħanut ma kienx l-istock tal-Għid, iżda l-istock li kien hemm qabel l-Għid. Qal li l-attriċi b'kollox għamlet xi xahar fil-ħanut. Sostna li kienu ftehmu fuq rigal. Sostna wkoll li meta ħa l-ħanut lura kien kważi vojt. Għalkemm

[12] Quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, 27.07.2009, fol 171 et seq
[13] Quddiem l-ewwel Qorti, 15.05.2013, fol 218 et seq

ċaħad li għalaq ix-shutter tal ħanut, ammetta li ġiegħel lill-attriċi tagħlaq il-ħanut u li wara marru d-dar tagħha u ommha tefgħetlu ċ-ċwievet.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

Dwar l-ewwel aggravju:

36. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-pretensjoni tal-attrici kienet ukoll ma' mart il-konvenut. Tant hu hekk li konvenuta wkoll.

37. Hu veru li fit-talbiet jissemma' biss il-konvenut:

> *"1. Tordna lill-konvenut jirritorna l-affarijiet u cioe` l-oġġetti li hi kienet ħallset għalihom dak iż-żmien;*
>
> *2. Tikkundanna fin-nuqqas li jħallas il-valur tal-oġġetti fis-somma hawn fuq indikata.*
>
> *Bl-ispejjeż u imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll ta' mandat ta' sekwestu u mandat ta' qbid bin-numri rispettivi 2333/00 u 2334/00 b'riserva għall-azzjoni ulterjuri bis-subizzjoni tal-istess konvenut."*

38. Waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2020, l-attriċi talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fis-sens li fejn fil-parti tat-talbiet fiċ-ċitazzjoni hemm il-kelma "*konvenut*" tkun taqra *"konvenuti".* Il-konvenuti oggezzjonaw għaliex sostnew li l-Artikolu 175(2) tal-Kap 12 jirreferi għal korrezzjoni li tista' tintalab fir-rikors li bih ikun tressaq l-appell, jew fit-tweġiba (tal-appell), iżda mhux f'korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni li bih inbdiet il-kawża. It-talba kienet

mićħuda peress li din il-Qorti qieset li ma kienx hemm lok għaliha.

39. Pero` jibqa' il-fatt li mart il-konvenut kienet parti fil-kawża sa mill-bidunett. Tant kienet taf li l-pretensjoni kienet ukoll kontriha li flimkien ma' żewġha ppreżentat nota tal-eċċezzjonijiet u saħansitra rikonvenzjoni. Il-konvenuti huma miżżewġin u l-presunzjoni hi li bejniethom hemm il-komunjoni tal-akkwisti. L-attriċi ħarrket ukoll lill-konvenuta għaliex il-pretensjoni hi wkoll fil-konfront tagħha. Altrimenti ma kienx ikun hemm skop għalfejn tinkludiha bħala konvenuta. Ġaladarba mart il-konvenut hi mħarrka bħala konvenuta, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tilqa' t-talbiet fil-konfront tagħha wkoll.

<u>Dwar it-tieni aggravju:</u>

40. Il-Qorti tosserva li l-konvenuti għandhom raġun jilmentaw li fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dak li xehdu. Fil-fatt fis-sentenza m'hemmx referenza għax-xiehda tal-konvenuti. Il-fatti li jissemmew f'paragrafu 18 huma ġabra tal-verżjoni li tat l-attriċi fl-affidavit. L-ewwel Qorti m'għamlet l-ebda referenza għax-xiehda tal-konvenuti u lanqas għax-xiehda l-oħra prodotti mill-attriċi; imbagħad, mingħajr kunsiderazzjonijiet ta' xejn, iddikjarat li:

> "*wara li qieset fil-fond iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, hi sodisfatta li l-verżjoni tal-attriċi hi kredibbli u timmerita l-avall ta' din il-Qorti*".

Fil-fehma tal-Qorti dik m'hijiex motivazzjoni adegwata ta' sentenza. Il-Qorti ma spjegatx kif waslet għall-konkluzjoni li l-verżjoni tal-attriċi kienet iktar kredibbli.

41. It-tieni aggravju jitratta dwar il-meritu tal-kawża. Il-verżjonijiet tal-kontendenti huma kunfliggenti.

42. Il-verżjoni tal-attriċi fil-qosor:

- li hi u l-konvenut kienu ftehmu verbalment sabiex tibda tiġġestixxi l-confectionery minfloku u tħallsu Lm25 fil-ġimgħa (apparti li kellha tħallas ukoll lis-sid);

- li l-ħanut kienet ser tiġġestih għal perjodu ta' prova;

- li kienet ħarġet is-somma ta' Lm2,640 (Lm2140 li hija ħallset lill-konvenut għall-istock tal-ħanut li kellu fil-ħanut, u Lm500 ħarġithom biex tixtri l-ġelati);

- li ma sarx ftehim bil-miktub għaliex il-konvenut beda jippretendi li minflok tħallsu Lm25 fil-ġimgħa ittih rigal ta' Lm15,000;

- li darba minnhom ftit ġimgħat biss minn meta kienet bdiet topera

l-ħanut, il-konvenut mar il-ħanut, talabha ċ-ċavetta u meta ma tagħtielux għalaq ix-shutter tal-ħanut. Wara ommha taħhtu lura ċ-ċavetta tal-fond sabiex ma jinqalax inkwiet.

43. Il-verżjoni tal-konvenut, fil-qosor:

- li mal-attriċi kien ftiehem verbalment li sabiex tiġġestixxi l-confectionery minfloku, kellha tħallsu rigal fl-ammont ta' Lm15,000 (apparti li kellha tħallas ukoll lis-sid);

- li l-ftehim ma kienx fis-sens li kellha tiġġestixxi l-ħanut għal perjodu ta' prova;

- li s-somma ta' Lm2640 pretiża minnha fiċ-ċitazzjoni tirrappreżenta depożitu għar-rigal (madankollu meta xehed qal li ħallsitu Lm2140 għall-istock);

- li kien jiġri warajha biex jagħmlu l-ftehim bil-miktub dwar kif kellu jitħallas ir-rigal iżda baqgħu ma waslux;

- li wara xi erba' ġimgħat l-attriċi kien reġa' bdielha u ma riditx tkompli fil-ħanut u rritornat iċ-ċwievet.

44. L-eċċezzjoni tal-konvenut li l-Lm2640 pretiżi mill-attriċi kienu depożitu għar-rigal m'hijiex kredibbli. L-attriċi qatt ma ħallsitu Lm2640, iżda biss Lm2140 għall-istock; Il-bilanċ ta' Lm500 li tippretendi huma għall-ġelati li qalet li kienet xtrat għall-ħanut. Saħansitra fl-affidavit tal-konvenut stess xehed li kien irċieva Lm2140 għall-istock u ippreżenta l-elenku magħmul mill-attriċi f'dan ir-rigward – Dok A). Inoltre, in kontro-eżami ammetta li dak li ddikjara fin-nota tal-eċċezzjonijiet ma kienx korrett. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet u fir-rikors tal-appell il-konvenuti baqgħu jsostnu li s-somma ta' Lm2640 tħallset bħala depożitu tar-rigal, li jgħodd huma l-provi.

45. Issa dwar jekk l-attriċi u l-konvenut kinux ftehmu fuq ir-rigal ta' Lm15,000 jew kera ta' Lm25 fil-ġimgħa; u jekk kinux ftehmu li kellha tieħu l-ħanut definittivament jew għal perjodu ta' prova ta' tliet xhur, il-verżjonijiet huma kunfliġġenti. Pero` hu ċar minkejja li fil-31 ta' Marzu 2000 l-attriċi ħadet il-ħanut f'idejha il-partijiet baqgħu ma kkonkludewx ftehim bil-miktub.

46. Li hu żgur ukoll hu li ma kinitx l-attriċi li abbandunat il-ħanut, iżda kien il-konvenut li ried iċ-ċavetta lura dakinhar li mar il-ħanut u għamel ix-xenata. Anke jekk il-verżjoni li sema' l-konvenut mingħand martu kienet li l-attriċi kienet qed tikkunsidra li żżarma, l-attriċi effettivament qatt ma qaltlu li riedet iżżarma. Kien hu li ddeċieda li jieħu l-hanut lura taht idejh

wara li martu rrakkontatlu x'qalet ommha. Il-konvenut b'rabja kbira, qabad u ħa l-ħanut. B'hekk il-konvenuti m'għandhomx il-jedd li jippretendu xi danni, ġaladarba kien għadu ma sarx ftehim bil-miktub, u kien il-konvenut li qabad u ħa lura l-pussess tal-ħanut.

47. Il-Qorti hi tal-fehma li peress li l-konvenut qabad u waqqaf ħesrem lill-attriċi milli tkompli topera l-ħanut, hija ġustifikata titlob rifużjoni tal-istokk li hallset ghalih. Hija wkoll ġustifikata titlob ir-rifużjoni għall-ġelati li xtrat għall-ħanut u li ma biegħetx.. Għalkemm ma ppreżentatx kontijiet ta' xiri u ħlas tal-ġelati, il-konvenuti ma kkontestawx dak il-fatt.

48. Għalkemm fir-rikors tal-appell sar enfażi fuq dak li xehdet Tereza Zammit (ara paġna 9), madankollu hu evidenti li din ix-xhud irrakkontat biss dak li qal ħaddieħor. Għalhekk dak li qalet dwar x'merkanzija kien hemm fil-ħanut m'għandux valur probatorju.

49. Madankollu kif tajjeb osservaw il-konvenuti, fil-ftit ġimgħat li l-attriċi kellha l-ġestjoni tan-negozju kienet biegħet xi oġġetti. Fatt li ammettiet waqt il-kontro-eżami. Għaldaqstant, l-attriċi m'għandhiex jedd għar-rifużjoni tas-somma kollha. L-attriċi ma tatx rendikont dwar kemm biegħet mill-istokk li xtrat mingħand il-konvenuti. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qegħda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma fl-ammont ta' Lm2,000 (€4,658.75). Dan bażat fuq il-perjodu ta' erba' ġimgħat li bejn wieħed u ieħor damet

tiġġestixxi n-negozju. M'hemmx mezz ieħor kif il-Qorti tasal għaċ-ċifra li għandha titħallas l-attriċi.

**DECIDE**

50. Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-ewwel aggravju u sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad fuq tilqa' parzjalment it-tieni aggravju. Tvarja s-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2014 billi minflok tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), bl-imgħax kif deċiż mill-ewwel Qorti.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal tlieta minn erbgħa ($^{3}/_{4}$) a karigu tal-konvenuti, u wieħed minn erbgħa ($^{1}/_{4}$) a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr